# Il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-1772

## *Tagħrif mill-Istatut tal-Fratellanza tal-Madonna Immakulata fl-Imqabba*

Il-Fratellanzi fi ħdan il-knisja sa minn bosta snin ilu kienu jsiru sabiex tinxtered ferm aktar il-qima lejn ħwejjeġ tal-fidi tagħna. Il-Fratellanza ta' l-Immakulata fl-Imqabba twaqqfet proprju bil-għan li tiġbed aktar lill-Imqabbin li ġa kellhom qima kbira lejn il-Madonna sabiex huma jagħrfu ferm aktar il-kobor ta' din ix-Xebba Omm li Alla l-Imbierek għażel biex tkun l-OMM Tiegħu. Jekk wieħed jeżamina l-kapitli ta' l-Istatut tal-Fratellanza tal-Madonna Immakulata llum magħrufa "Tal-Ġilju" jinduna malajr li fit-twaqqif ta' din il-Fratellanza fil-komunità ta' l-Imqabba ma kien hemm ebda ħsieb ieħor għajr dak ta' tixrid ta' qima Marjana.

L-ewwel obbligu ta' kull membru fil-Fratellanza kien li kellu jgħid ta' kuljum Tliet Avemarijiet b'tislima lill-Madonna. Kull fratell kien obbligat li jkollu l-kunfratija bil-muzzetta u ċ-ċinglu u kellu jkun mhux anqas minn 14-il sena meta jissieħeb. Naturalment kien irid jagħmel sena tħejjija (Novizzjat) qabel jipprofessa u għalhekk ta' kull nhar ta' Ħadd għal sitt xhur sħaħ ried jattendi l-quddies. Kellu obbligu li jħallas xi ħaġa u l-obbligu li jersaq lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin. Il-Fratellanza kellha obbligu li ta' kull sena fit-8 ta' Diċembru tiffesteġġja l-Madonna bi tħejjija ta' sawm mill-ikel, xorb u xogħol. Naturalment kull fratell kellu obbligu li jieħu sehem b'devozzjoni lejn il-Madonna fil-funzjonijiet kollha tal-festa li tinkludi paneġierku ta' tifħir lill-Madonna.

Il-Fratellanza kellha wkoll obbligu li tiffesteġġja l-Madonna tal-Ġilju f'Mejju u fix-xahar ta' Novembru u b'vot sigriet kellhom jaħtru l-Uffiċjali. Il-Prefett kellu jżomm il-kariga għal sena biss, iżda l-Prokuratur kellu jara li l-kotba jkunu eżaminati kull 5 snin. Fil-knisja kellu jkun hemm kaxxa għall-ġbir li bihom issir il-festa u l-fratelli kienu obbligati jieħdu sehem fil-funerali ta' kull wieħed li jmut u fix-xahar tal-Mejtin isir servizz għall-erwieħ mejtin b'mod xieraq b'quddiesa kif ukoll bis-solitu kant tal-Libera.

Dawn huma fi ftit kliem ir-regoli li għandhom imexxu l-Fratellanza li l-għan tagħha mhux dak għajr tat-tixrid tal-qima lejn il-Verġni Immakulata ta' Marija Santissima.



*Il-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni għadha taqdi d-dmirijiet espressi fl-istatut tal-1772 sal-ġurnata ta' llum b'purċissjoni fil-Kunċizzjoni u oħra fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju.*